

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/265/PESK tat-12 ta' Mejju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 137 tat-12 ta' Mejju 2014)

Fpaġna 10, l-Artikolu 2:

*minflok:* "Artikolu 2

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.",

*aqra:* "Artikolu 2

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif ġej:

- (a) tiddaħħal l-intestatura 'Persuni' wara l-intestatura eżistenti 'Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemminjati fl-Artikoli 1 u 2';
- (b) wara l-lista eżistenti ta' persuni, tiddaħħal l-intestatura ta' Taqsima ġdida msejħa 'Entitajiet';
- (c) il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mat-Taqsima relevanti tal-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK."

---

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 810/2014 tal-25 ta' Lulju 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 221 tal-25 ta' Lulju 2014)

Fpaġna 5, Taqsima II tal-Anness:

*minflok:* "II. Entitajiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina";

*aqra:* "II. Entitajiet".

Fpaġna 8, Taqsima III tal-Anness:

- l-intestatura tat-Taqsima: "III. Entitajiet li s-sjieda tagħhom ġiet trasferita kontrarjament għal-liġi Ukraina" hija mħassra;
- l-entitajiet fit-Taqsima III huma remunerati billi jibdeu min-numru 10.